SANTA LUĊIJA

# Minuti

## It-Tmien Leġislatura
## Laqgħa Numru 25-21

29 ta' Marzu, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-4.45 p.m.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku – b'mod virtwali

Terrence Ellul – Kunsillier – b'mod virtwali

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Liam Sciberras – Kunsillier - b'mod virtwali

Uffiċjal Preżenti – Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

25.1. Qari ta' ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 24-2021

Il-Minuti tal-laqgħa numru 24-21 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John u ssekondata mill-Kunsilliera Kylie D'Amato.

Kunsillier is-Sur Liam Sciberras talab sabiex jiġi skużat għaliex ma kienx seta' joqgħod sat-tmien tal-laqgħa u talab sabiex tiġi diskussa l-item rigward il-proposti one way Promenade. Il-Kunsill qabel.

25.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.4.1 Proposti One Way – Promenade

Il-Kunsill iddiskuta l-proposti tal-*one ways* mibgħuta minn Infrastructure Malta. Ma kienx hemm qbil fuq il-proposti l-aktar illi Triq il-Prinjoli tiġi *one way*. Il-Kunsill qabel illi għandna nitolbu laqgħa *on site* ma Infrastructure Malta.

25.4.2 Signs for Jogging Track (*No bicycle etc*)

Is-Sindku qalet illi fil-jogging track kien jinħtieg li nagħmlu tabelli sabiex ma jidħlux roti u *skateboards* għas-sigurta' tan-nies. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsill qabel ukoll illi għandhom isiru aktar doggy bins.

Il-Viċi Sindku ressaq is-suġġeriment sabiex it-taraġ għall-entratura tal-*jogging track* għandu jiġu ġdid. Il-Kunsilliera Kylie D'amato ukoll issuġġerixxiet illi l-istatwa ta' San Ġużepp u l-fanali għandhom jiġu rranġati sabiex il-proġett ikun komplut. Il-Kunsill iddiskuta dawn is-suġġerimenti u qabel illi għandna nressqu t-talba sabiex isiru dawn ix-xogħolijiet lill-Infrastructure Malta.

25.4.3 Kwotazzjoni għas-Siġġijiet għall-Uffiċini u l-Platform tal-Aluminium

Is-Sindku preżentat kwotazzjoni li l-Kunsill kien talab sabiex jinxtraw siġġijiet ġodda għall-iskrivani kif ukoll kwotazzjoni sabiex titressaq il-*partition tal-aluminium fil-foyer*. Il-Kunsill qabel ma din l-kwotazzjoni.

25.4.4 Kwotazzjoni għal-*LED Lantern (Playing Field*)

Is-Sindku qalet li l-fanali li kien hemm fil-playing fields kien jinħtieġ li jiġu rranġati. Hija ressqet kwotazzjoni li l-Kunsill ġab mingħand il-kuntrattur. Hija qalet li l-kwotazzjoni kienet tkopri l-*electrical supply* tal-bandli u t-tindif tal-globi. Il-Kunsill iddiskuta din il-kwotazzjoni u qabel li għandna nitolbu għal aktar għażla tal-globi. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien ser jagħmel it-talba u hekk kif jirċievijhom jgħaddihom lill-Kunsilliera.

25.4.5 Kiri tal-Premises taċ-Ċentru Ċiviku

Is-Sindku qalet illi kienet bagħtet komunikazzjoni lill-Ministru tal-Infrastruttura rigward il-kiri ta' spjazji mill-binja taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid. Hija qalet illi kienet talbet għal-laqgħa mal-Ministru x-xahar ta' wara.

25.4.6 Kaskata ta' Ġnien iċ-Ċiniżi Santa Luċija

Is-Sindku Charmaine St John qalet illi minn naħa tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd kienu ser jieħdu r-responsabbilita' sabiex inaddfu l-kaskata li tinsab fi Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku kkonfermat illi n-nies li kienu ser jieħdu ħsieb li jitrasferixxu l-ħut għat-tankijiet kellhom l-esperjenza neċessarja f'dan ir-rigward.

25.4.7 Historical Re-Enactment of Malta

Is-Sindku staqsiet lill-Viċi Sindku rigward l-applikazzjoni għal Ċirkulari Numru S*PI*/SCI/3/2021. Il-Viċi Sindku kkonferma li kienet imtliet l-applikazzjoni u ta d-dettalji ta' x'kien previst li jsir għal din l-attivita' .

Is-Sindku qalet li kienet irċiviet komunikazzjoni minn *Chinese Cultural Centre* sabiex jaraw jekk il-Kunsill hux interessat jidentifika post sabiex isir *Open Exhibition*. Is-Sindku ssuġġerixxiet li din l-exhibition faċli ninkorporawha ma din il-ġimgħa ta' attivitajiet. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qalet li kienu avviċinawha ukoll grupp ta' nies li jagħmlu re-enectment minn żminijiet ta' Jane Austin. Hija ssuġġerixxiet li l-Kunsill jinkorpora lil dan il-grupp ukoll ma din il-ġimgħa ta' attivitajiet. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunillier is-Sur Liam Sciberras kien skużat mil-laqgħa fis-6.15pm

25.4.8 Librerija fl-Annex

Is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill kienx qatt prova sabiex nużaw l-Annex bħala librerija. Il-Viċi Sindku kkonferma li l-ewwel talba għal librerija kienet li nagħmlu l-librerija hemmhekk iżda din it-talba ma kinitx ġiet milqugħa minħabba l-aċċessibilita' għal kulħadd.

25.4.9 Kwotazzjoni għall-Bibien tal-Aluminium tal-Latrina Pubblika

Is-Sindku ressqet kwotazzjoni għal bibien tal-aluminium għal-latrina pubblika. Hija qalet li l-kwotazzjoni kienet għal 7 bibien, 5 fuq ġewwa u 2 li jagħtu għal barra. Il-Kunsill iddiskuta din il-kwotazzjoni u qabel li għal issa nordnaw il-bibien ta' ġewwa biss u nipruvaw nieħdu kwotazzjoni forsi nkunu nistgħu nirranġaw ta' barra. Il-Kunsill qabel.

25.4.10 Bord għal intervisti għal ingaġġ ta' Part Time Executive Officer

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien ħareġ is-sejħa għall-ingaġġ ta' Part Time Executive Officer. Hija qalet li l-Kunsill diġa' kien irċieva xi applikazzjonijiet u staqsiet min kien interessat li jifforma parti mill-bord għal għażla waqt l-interviews. Il-Kunsilliera kollha urew l-interess u qablu li l-interviews isiru wara l-11 ta' April, 2021 u jinżammu fit-Tea Room fi Ġnien is-Serenita'.

25.4.11 Ħaddiem/a RSSL

Is-Sindku qalet li wieħed mill-ħaddiema tal-RSSL kien spiċċa pero' l-Kunsill kien ġie offrut ħaddiem ieħor ġdid.

26.5.12 Ħaddiem RSSL

Is-Sindku qalet illi f'laqgħa fil-passat il-Kunsill kien qabel illi wieħed mill-impjegati ta' RSSL jingħata €100 fix-xahar. Is-Sindku ssuġġerixxiet illi l-Kunsill għandu jerġa' jibda jagħti l-istess ammont lill-istess ħaddiem tal-RSSL. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul ġie skużat mil-laqgħa fis-6.30pm

25.4.13 Triq il-Bruka

Is-Sindku Charmaine St John qalet li kien hemm complaint minn wieħed mir-residenti ta' Triq il-Bruka. Hija qalet li dan ir-resident kien kiteb lil Infrastructure Malta rigward dan l-ilment pero' issa kien ressaq l-ilment lill-Ombudsman. Is-Sindku qalet li l-għada tal-laqgħa kien ser ikun hemm meeting fuq il-post fit-8:00am u x-xewqa tal-Ombudsman kienet li xi ħadd mill-Kunsill jattendi għal din il-Laqgħa. Il-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar ikkonferma li kien ser jiprova jattendi.

25.4.14 Apparat tal-Kunsill

Is-Sindku Charmaine St John qalet li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-Ex-Segretarju Eżekuttiv sabiex hija takkwista billi tixtri l-laptop u l-mobile li kellha għad-dispożizzjoni tagħha fil-qadi tax-xogħol marbut mal-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill iddiskuta dan il-punt u qabel li skond il-policy l-Ex Segretarju Eżekuttiv setgħet iżżomm l-istess apparat.

25.4.15 Charging Pillars

Is-Sindku Charmaine St John qalet li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn naħa tal-Assoċjazzjoni fejn kienu qed jitolbu l-Kunsilli Lokali jidentifikaw 5 posti fejn jistgħu jeħlu *Charging Pillars*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nsemmu dawn il-postijiet:

1. Post il-Gladjoli
2. Għeneb id-Dip
3. Ineż Soler
4. Prinjoli – Xi mkien fejn l-Indipendence Flats.
5. Katarina Vitale ħdejn it-telephone box
6. Ħdejn l-għassa tal-pulizija.

25.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru CM 24-21 għal perjodu bejn 26 ta' Frar, 2021 sal 28 ta' Marzu, 2021 u minn cekk numu BOV 8298 sa ċekk BOV 8306 u minn *Bank Transfer* 28-21 sa 85-21

25.5 Fondi – Proġetti fil-Komunitajiet

Is-Sindku Charmaine St John qalet l-Agenzija għall-Infurzat Lokali kienu ħarġu skema fejn qiegħdin iniedu inizjattiva ta' tqassim ta' fond lura fil-komunita'. Is-Sindku qalet li kienet daret il-kriterji għal din l-iskema u ssuġġerixxiet li l-Kunsill għandu japplika sabiex jinxtara vann li jaħdem bl-elettriku. Il-Kunsill qabel.

25.6 Rapporti

Waqt din il-laqgħa ġew ippreżentati dawn ir-rapporti:

Rapport ta' kull xahar maħruġ mill-Contracts Manager tal-Kunsill li jinkludi rapport għax-xahar ta' Marzu 2021, workplan għax-xahar ta' Marzu 2021 kif ukoll rendikont tal-ħidma marbuta ma' dan is-servizz għax-xahar ta' Marzu 2021.

25.7 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

25.7.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar fakkar li normali għal festa ta' Jum il-Ħelsien is-soltu l-Kunsill iqiegħed bukkett fjuri fuq il-Monument tal-Ħelsien. Huwa qal li bl-approvazzjoni tal-Kunsill kien lest li jixtri l-istess bukkett. Il-Kunsill qabel.

25.7.2 Is-Sindku qalet li kienu avviċinawha minn naħa tal-MTA rigward xi sports ġdid '*speed ball*'. Hija spjegat li Malta kienu applikaw sabiex issir konkors ta' dan l-*Isports* u effettivament din l-applikazzjoni kienet ġiet approvata. Issa l-MTA kienu qed iduru sabiex jidentifikaw tlett postijiet f'Malta fejn jista' jsir dan il-konkors u għalhekk kienu talbu lis-Sindku sabiex tidentifika xi mkien addattat. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nistgħu nuruhom il-Picnic Area u fejn il-Ġibjun. Il-Kunsill qabel.

25.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis , 29 ta' April,  2021 fil-5:00 p.m. Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2021

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Charmaine St John | Doris Baldacchinio |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |